MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru. 544/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Joseph Mizzi
John Mary Sciberras
Angelo Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmija **Joseph Mizzi** bin Francis u Josephine nee’ Stellini, imwieled nhar it-8 ta’ April, 1949 u residenti fil-fond JoeKate, Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 38349(G), **John Mary Sciberas** bin John u Joan nee’ Xuereb, imwieled nhar il-25 ta’ Ottubru, 1952 u residenti fil-fond Tal-Fenek, Triq l-Imgarr, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 67052(G) u **Angelo Mizzi** bin Francis u Josephine nee’ Stellini, imwieled nhar is-27 ta’ April, 1958 u residenti fil-fond numru 5, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 22058(G) li gew akkuzati talli fil-31 ta’ Jannar 2008 ghal xi 19:00hrs fil-Qala, Ghawdex;

1. minghajr il-hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom fixklu lil Doris Cauchi fil-pussess ta’ hwejjigha;

2. u aktar talli fit-8 ta’ Frar 2008 ghal xi 11:00hrs hu John Sciberras u hu Angelo Mizzi ffurmaw bankina quddiem cint li kien inbena ftit tal-jiem qabel fid-dahla tal-passagg biex ikomplu jostakolaw l-access liberu ta’ Doris Cauchi minn dan il-passagg, filwaqt li ksew ukoll parti bil-konkos fejn ghamlu rampa b’mod li thalla bhal speci ta’ lembut fil-genb ta’ din ir-rampa, bejn ir-rampa u l-bankina ta’ Doris Cauchi miftuh fuq barra u maghluq fuq gewwa tar-rampa, bil-konsegwenza li l-livell tal-ilmijiet tax-xita li jghaddi minn dak il-genb tat-triq ser jakkumula u jghola ghal fuq il-bankina u jibqa’ diehel fil-proprjeta’ ta’ Doris Cauchi;

3. ukoll talli fl-istess gurnata ghal habta ta’ 12:30hrs hu John Mary Sciberras hebb ghal Doris Cauchi b’barmil u ngurjaha bi kliem filwaqt li hu Angelo Mizzi hedded lill-istess Cauchi bi kliem;

4. kif ukoll fl-istess zmien hawn fuq imsemmi, il-konvenuti jew min minnhom ghaddew kanna tal-ilma tal-plastik mill-passagg li nharget mid-dar fejn joqghod John Mary Sciberras u qasmuha ghall-genb l-iehor tal-passagg fuq in-naha tal-proprjeta’ ta’ Doris Cauchi u poggew xi gebel

fil-passagg b'mod li fixklu l-moghdija wkoll fuq in-naha ta' isfel tal-passagg;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija torbot lil Angelo Mizzi u lil John Mary Sciberras taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti kif preseduta regghet ordnat illi tixhed quddiemha Doris Cauchi u dana sabiex setghet tasal ghall-verita u sabiex tara jekk ir-reati addebitati lill-imputati gewx ippruvati. Il-Qorti setghet tara wkoll il-komportament tax-xhieda quddiemha.

Illi, filwaqt li l-Qorti semghet il-provi kollha u rat id-dokumenti esebiti, jirrizultalha li mill-provi kif prodotti u mressqa, l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati ma gewx ippruvati u ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------